# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 30 t'April, 2001**

**Att ta' Akkuza nru. 4/2001**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Essam Abubaker Esharif**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 4 tas-sena 2001;

*Rat in-nota ta' l-akkuzat, minnu ppresentata fit-23 ta' Marzu, 2001, li permezz taghha eccepixxa "Illi l-Att ta' Akkuza hu null u bla effett fil-Ligi stante li l-fatti elenkati, esposti u imfissra fil-parti deskrittiva ma jikkostitwuwx r-reat li bih qed jigi akkuzat";*

Rat il-verbal, registrat fl-udjenza ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April, 2001 mill-abbili difensur ta' l-akkuzat l-Avukata Dott. Giannella Caruana Curran, fis-sens li din l-eccezzjoni tirrigwarda biss l-ewwel kap ta' l-imsemmi Att ta' Akkuza, u ma hi b'ebda mod intiza fir-rigward tat-tieni u tat-tielet kapi;

Semghet lill-imsemmija Dott. Giannella Caruana Curran ghall-akkuzat u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni dwar din l-eccezzjoni;

Ikkunsidrat:

L-akkuzat qed jeccepixxi n-nullita` ta' l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza a bazi ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 449 tal-Kodici Krminali.

Permezz ta' dana l-ewwel kap, Essam Abubaker Esharif qed jigi akkuzat bir-reat ta' assocjazzjoni ("conspiracy") ghall-fini ta' bejgh jew traffikar ta' droga f'Malta, reat kontemplat fil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101.

Skond is-subartikolu (1A) tal-imsemmi Artikolu 22, l-assocjazzjoni tibda ssehh malli jigu kkumbinati jew miftehma il-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom l-assocjati

ghandhom jimxu. Inoltre, skond is-subartikolu (1B) il-kelma “jitraffika” tinkludi l-importazzjoni tad-droga f’Malta u, wara l-bidu fis-sehh ta’ l-Att VI tas-sena 2000, l-importazzjoni f’dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kienitx ghal-uzu esklussiv ta’ l-importatur.

Din il-Qorti qrat bir-reqqa ghal diversi drabi it-tielet u r-raba’ paragrafi ta’ l-ewwel kap in kwistjoni u ma tistax tifhem kif jista’ jinghad li l-fatti esposti ma fihomx, fis-sustanza, l-elementi mehtiega ghar-reat in dizamina. Anzi din il-Qorti tara li dawn il-fatti fihom abbundanza ta’ dettal li juru mhux biss l-allegat ftehim bejn l-akkuzat u persuna ohra sabiex jimpurtaw gewwa Malta u in segwitu imexxu f’Malta id-droga, izda anke l-*modus operandi* li allegatament kienu qablu dwaru l-akkuzat u l-persuna l-ohra sabiex tiddahhal id-droga f’Malta u eventwalment sabiex tigi spaccjata.

Fil-kors tat-trattazzjoni taghha, l-abbili difensur tal-akkuzat fissret li fil-fehma taghha l-fatti esposti jammontaw ghar-reat ta’ komplicita` f’importazzjoni ta’ droga. Din il-Qorti, pero`, tosserva li, apparti li fit-tieni kap Esharif qed jigi akkuzat bhala l-awtur ta’ l-importazzjoni (u ghalhekk ma jistax ikun ukoll komplici f’dik l-importazzjoni), ir-reat ta’ assocjazzjoni jimmaterjalizza ruhhu appena jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, u ghalhekk indpendentement mill-bidu ta’ l-esekuzzjoni tad-delitti li jkunu qed jigi tramati – f’dan il-kaz l-importazzjoni u l-eventwali spacc – liema bidu ta’ esekuzzjoni huwa necessarju sabiex jista’ jkollok ghall-anqas it-tentattiv u l-komplicita`. F’dan il-kaz l-Avukat Generali ghazel li jieqaf, kif kellu kull dritt li jaghmel, fl-assocjazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kap, indipendentement minn x’sehh wara dik l-assocjazzjoni. Il-Qorti ma teskludix illi kieku l-Avukat Generali akkuza lil Esharif ukoll b’komplicita` f’importazzjoni u/jew komplicita` f’tentattiv ta’ traffikar seta’ jkun hemm problema ta’ konkors formali ossia ideali ta’ reati. Pero` dan ma huwiex il-kaz. L-Avukat Generali ghazel li jakkuza bir-reat ta’ assocjazzjoni u l-fatt migjub jammonta, fis-sustanza, ghar-reat dedott fl-ewwel kap.

Ghall-motivi premessi, tichad l-eccezzjoni tan-nullita` ta’ l-ewwel kap u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur